MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 207/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michele Sammut**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michele Sammut talli fil-31 ta’ Dicembru, 2002 ghall-habta tad-9.00 p.m. fi Triq il-Vitorja, Qormi, saq, ippruva jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru. HAH-973 (**1**) meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, (**2**) irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, u (**3**) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna hsara fi *crash barrier* u tabella tas-sinjali tat-traffiku a dannu tal-Kunsill Lokali ta’ Hal-Qormi; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Michele Sammut jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michele Sammut mhux hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, izda sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mitt lira kif ukoll skwalifikatu milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' tlett xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Michele Sammut, minnu ppresentat fil-11 ta' Novembru, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2004; ikkunsidrat:

L-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li:

**…b'kull rispett…fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern fejn l-esponent xehed li huwa effettivament kien involut f'dan l-incident, li kien lest jaghmel tajjeb ghall-hsarat (di fatti dan ukoll gie verbalizzat fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2003), li huwa jghix wahdu u l-fatt ta' l-eta` tieghu (huwa pensjonant), il-piena inflitta tista' tkun suggetta ghal temperament. Kemm il-piena pekunjarja kif ukoll l-iskwalifika joholqu diffikulta` lill-esponent.**

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2004 l-abbili prosekutur, Dott. Stephen Tonna Lowell qabel mad-difensur ta' l-appellant li f'dan il-kaz ma kienitx applikabbli l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan peress li l-appellant gie lliberat mill-imputazzjonijiet taht il-Kap. 65. Din is-sottomissjoni ma hix legalment korretta. Mill-istess rikors ta' appell jirrizulta li l-hsara involontarja (fi proprjeta` pubblika) saret permezz tal-vettura li kien qed isuq l-appellant. Ghalhekk, apparti l-piena skond l-Artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali – "prigunerija ghal mhux izjed minn tliett xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet" – hija applikabbli f'dan il-kaz ukoll id-disposizzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali, u senjatament is-subartikolu (1)(b) ta' l-

imsemmija disposizzjoni. Fic-cirkostanzi, pero`, din il-Qorti, tenut kont ukoll tal-ammont zghir tal-hsara invlontarjament ikkagunata – Lm30 b'kollox – ara fol. 4 tal-atti – taqbel li hemm lok ta' temperament fil-piena pekunjarja kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-iskwalifika.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti biss fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' mitt lira u skwalifikatu milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' tlett xhur, u minflok tikkundannah multa ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) – konvertibbli f'hamest ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi – u tiskwalifikah mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghal periodu ta' xaharejn; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' l-iskwalifika ta' xaharejn jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------